Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2024**
**(OR. en)**

**14556/24**

**CDR 168**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar ħames membri u sitt membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Polonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/581 tat-13 ta' Marzu 2023[1], il-Kunsill ħatar lis-Sur Joachim Michał SMYŁA bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għal mandat li jintemm fit-30 ta' April 2024. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Settembru 2023[2], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Gustaw Marek BRZEZIN, membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Permezz ta' ittri tal-20 ta' Novembru 2023[3], tas-16 ta' Jannar 2024[4], u tas-27 ta' Mejju 2024[5], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru, rispettivament, is-Sur Józef JODŁOWSKI, is-Sur Marius Rafał FRANKOWSKI, u s-Sur Robert KOŚCIUK, membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/581 tat-13 ta' Marzu 2023 li taħtar membru u tliet membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Polonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 76, 15.3.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/581/oj).
2 14940/23.
3 15777/23.
4 5624/24.
5 10410/24.

2. Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/581 tat-13 ta' Marzu 2023[6], il-Kunsill ħatar lis-Sur Marcin Artur JABŁOŃSKI, lis-Sur Andrzej Antoni PŁONKA, u lis-Sa Lucyna Teresa SOKOŁOWSKA bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għal mandat li jintemm fit-30 ta' April 2024. Permezz ta' ittri tal-14 ta' Novembru 2023[7] u tal-31 ta' Mejju 2024[8], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru, rispettivament, is-Sur Sebastian ŁUKASZEWICZ, u s-Sur Adam BANASZAK, membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Joachim Michał SMYŁA, il-Gvern Pollakk ippropona[9] li jerġa' jinħatar is-Sur Joachim Michał SMYŁA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Radny Powiatu Lublinieckiego* (Kunsillier tal-Kontea ta' Lubliniec), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

---

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/581 tat-13 ta' Marzu 2023 li taħtar membru u tliet membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Polonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 76, 15.3.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/581/oj).

[7] 15500/23.

[8] 10639/24.

[9] 14545/24.

5. Barra minn hekk u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Gustaw Marek BRZEZIN, is-Sur Mariusz Rafał FRANKOWSKI, is-Sur Józef Jodłowski, u s-Sur Robert KOŚCIUK, il-Gvern Pollakk ippropona lir-rappreżentanti[10] li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali: Is-Sur Adam BANASZAK, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, *Radny Powiatu Inowrocławskiego* (Kunsillier tal-Kontea ta' Inowroclaw), is-Sur Piotr Franciszek CAŁBECKI, *Radny Województwa Kujawsko-Pomorskiego* (Kunsillier tal-Provinċja ta' Kujawsko-Pomorskie), is-Sa Ewa JANCZAR, *Radna Miasta Stołecznego Warszawy* (Kunsilliera tal-Belt Kapitali ta' Varsavja), u s-Sur Andrzej Antoni PŁONKA, *Radny Powiatu Bielskiego* (Kunsillier tal-Kontea ta' Bielsko-Biala), bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025. Wara l-ħatra tas-Sur Piotr Franciszek CAŁBECKI bħala membru, ser isir vakanti siġġu addizzjonali ta' membru supplenti.

6. Għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Piotr Franciszek CAŁBECKI, il-Gvern Pollakk ippropona[10] s-Sur Marcin KUCHCIŃSKI, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Radny Województwa Warmińsko-Mazurskiego* (Kunsillier tal-Provinċja ta' Warmińsko-Mazurskie), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

[10] 14545/24.

7. Barra minn hekk u għall-fini li jimtlew il-postijiet li tħallew vakanti mis-Sur Marcin Artur JABŁOl-SKI u s-Sa Lucyna Teresa SOKOŁOWSKA, il-Gvern Pollakk ippropona[11] li jinħatru mill-ġdid ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali: Is-Sur Marcin Artur JABŁOŃSKI, *Członek Zarządu Województwa Lubuskiego* (Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Provinċja ta' Lubuskie), u s-Sa Lucyna Teresa SOKOŁOWSKA, *Radna Powiatu Rzeszowskiego* (Kunsillier tal-Kontea ta' Rzeszów), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

8. Fl-aħħar nett u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Adam BANASZAK, is-Sur Sebastian ŁUKASZEWICZ, u s-Sur Andrzej Antoni PŁONKA, il-Gvern Pollakk ippropona[11] r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali: Is-Sur Grzegorz CICHY, *Burmistrz Gminy i Miasta Proszowice* (Sindku tal-Komun u l-Belt ta' Proszowice), is-Sa Janina Ewa ORZEŁOWSKA, *Radna Województwa Mazowieckiego* (Kunsillier tal-Provinċja ta' *Mazowieckie*), u s-Sur Rafał Henryk RUDKA, *Radny Powiatu Bocheńskiego* (Kunsillier tad-Distrett ta' Bochnia), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 14555/24 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[11] 14545/24.